MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Talba Numru. 579/2009

**Damian Restall u Jesmond Agius f'isimhom proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem Turn-Pro Waterproofing & Turnkey Contractors**

**Vs**

**Kunsill Malti Ghall-Isport**

**It-Tribunal,**

Ra li permezz ta' avviz mressaq fid-9 ta' Lulju, 2009 l-atturi ppremettew li:

"1. Jiddikjara li l-Kunsill konvenut huwa debitur tal-mittenti ghas-somma ta' elfejn seba' mija u hdax-il ewro u tlieta u tletin centezmu (€2,711.33) flimkien ma l-interessi kummercjali dekorsi fuq l-istess somma sa mid-29 ta' Mejju, 2008;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn seba' mija u hdax-il ewro u tlieta u tletin centezmu (€2,711.33) rapprezentanti ammont ta' 'variation claim' fuq is-somma originali tal-kuntratt u dana stante illi waqt id-dekors tax-xoghol irrizulta illi l-ammont ta' xoghol li kellu jsir kien jissupera ferm dak li kien originarjament previst fil-Bill of Quantities ('BOQ') annessa mal-kuntratt u dana kif certifikat u approvat mill-perit inkarigat mill-Kunsill intimat stess permezz tar-rapport tieghu tad-29 ta' Mejju 2008 hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A'.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-interessi kummercjali dekorsi fuq is-somma surreferita sa mid-29 ta' Mejju 2008;

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali pprezentata ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, nhar it-12 ta' Marzu, 2009 hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B'"

Ra r-risposta tal-Kunsill Malti ghall-Isports mressqa fil-25 ta' Awissu, 2009 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Din it-talba qed tigi kontestata u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-Kunsill Malti ghall-iSports hija Kunsill regolat mill-procurement and financial regulations mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi. Kull appalt li ghalih ser jintuzaw finanzi pubblici ghandha tinghata wara sejha pubblika ghall-offerti.

Fil-kaz odjern saret sejha ghall-offerti u r-rikorrent offra l-irhas offerta ghal appalt determinat – Ir-rikorrent inghata l-appalt ghall 500m² membraine fuq is-saqaf tal-pixxina nazzjonali gewwa tal-Qroqq ghas-somma specifikata u likwidata ta' €3,385.95 permezz ta' korrispondenza datata 24 ta' Marzu 2008.

Li sussegwentement wara li sar ix-xoghol il-Kunsill intimat ircieva kont iddopju tal-prezz offert fit-tender u l-Kunsill Malti ghall-iSports.

Li s-socjeta rikorrenti sostniet d-differenza kien jikkonsisti f'xogholijiet (metragg) zejda li ezegwew, biss dawn l-allegati xogholijiet la kienu awtorizzati u lanqas ma ingabux a konjizzjoni tal-istess Kunsill Malti ghall-iSports qabel ma wasal il-kont imsemmi u naturalment qatt ma kienu approvati mill-istess Kunsill Malti ghall-iSports bhala variation skond ir-regoli li huma marbutin bihom. Fi kwalunkwe kaz qatt ma setghet kienet kwistjoni ta' variation li ta' l-ahhar hija limitata ghall 5% tax-xogholijiet.

2. Li din it-talba ma tirrispettax il-prezz miftiehem ghall-appalt u hija bla bazi legali, ghalhekk ghandha tigi rifjutata"

Ra l-verbal tas-16 ta' Marzu, 2012 fejn il-kawza giet imhollija ghas-sentenza in difett ta' ostaklu ghal-lum.

Semgha' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet;

Ra l-atti, inkluz l-affidavits u d-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti rilevanti, u li jirrizultaw mix-xhieda prodotta huma s-segwenti:-

i. **Damian Restall**, li xehed fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal nhar it-8 ta' Gunju, 2010 stqarr li t-*tender* in kwistjoni kien ghal xoghol ta' *waterproofing*. Huma kienu tefghu t-tender f'dan il-kaz u "*flimkien mat-tender documents taghna konna wkoll ghamilna disclaimer fis-sens illi ma stajniex niggarantixxu certu xogholijiet u dan in vista tal-fatt li kien hemm diga membrane ezistenti u li ahna konna ser nahdmu fuq dan il-membrane ezistenti. Konna nafu illi dan il-membrane ezistenti kien diga iddanneggjat u dan minhabba nuqqas serju ta' manutenzjoni matul is-snin*" (fol. 35). Ix-xhud ghadda biex esebixxa kopja ta' din id-*disclaimer* mmarkata bhala Dok. TP u li tinsab esebita a fol. 40 tal-process. Izid ighid illi huma kienu ltaqaw mal-periti tal-Kunsill konvenut – il-perit Kurt Vella u l-perit Joseph

Bugeja – u dawn qalulhom li l-bejt kollu kellu jigi kopert bil-membrane.

Qabel ma bdew ix-xogholijiet, ix-xhud baghat *e-mail* lil Perit Kurt Vella fejn infurmah li x-xogholijiet kienu ser jinbdew f’gurnata partikolari u infurmah ukoll bl-ispecifications tal-materjal li kien ser jintuza. Din l-*e-mail* immarkata bhala Dok. TP 2 (a fol. 41) ggib id-data 9 ta’ Mejju, 2008.

Wara li kien beda x-xoghol, x-xhud qal li huwa baghat *e-mail* ohra lil-periti tal-Kunsill konvenut fejn stedinhom jattendu ghal *on-site inspection*. Il-perit Kurt Vella kien irrispondih lura b’*e-mail* u nfurmah li huwa kien spezzjona x-xogholijiet u li l-atturi setghu jkomplu peress li x-xogholijiet kienu qeghdin isiru kif suppost. Din l-*e-mail*, li giet esebita bhala Dok. TP3 (fol. 43) ggib id-data tas-16 ta’ Mejju, 2008.

Waqt ix-xoghol, l-atturi ndunaw li kien ser jispicca l-materjal u ghalhekk gie avzat il-perit sabiex jmur fuq il-post u jkejjel ix-xoghol li kien ghad fadal jsir. Fil-fatt, ighid dan ix-xhud, “*i*l-perit *gie u kejjel u skoprejna li minflok il-meterage indikat fuq il-call for Tender, li kien ta’ xi hames mitt metru kwadru. Fil-fatt, meta ha l-kejl il-perit, dan kien jikkonsisti fil-fuq minn elf metru kwadru (1,000 m²)*” (fol. 36-37). Il-perit, skond dan ix-xhud qallu li “*x-xoghol xorta wahda kollu kellu jsir u li kellna nkomplu ghaddejjin*” (fol. 37).

Wara li tlesta x-xoghol, l-atturi baghtu *invoice* lill-perit li kienet f’ammont ikbar minn dak li kien jidher fit-*tender documents* taghhom. L-ammont indikat fl-imsemmija *invoice* mmarkata bhala Dok. TP 4 (fol. 46) kien ta’ €7,793.72 (ink. il-VAT). Meta l-perit Vella rcieva dan il-kont, huwa talab lill-atturi sabiex jaghtu lill-Kunsill konvenut xi tip ta’ skont. L-atturi accettaw din il-proposta u ghalhekk baghtu t-tieni invoice taghhom mmarkat bhala Dok. TP 5 (fol. 47) fl-ammont ta’ €6,097.28 (ink. il-VAT).

Fid-29 ta’ Mejju, 2008, il-perit Joe Bugeja hareg *architect’s report* fejn ikkonferma li x-xoghol kien sar u li l-ammont ta’

€6,097.28 kellu jithallas. Fil-fatt, l-imsemmi perit, fir-rapport tieghu qal illi "*in view of the above it is being recommended that €3,385.95 (inclusive of VAT) is to be paid to the Contractor for works done on the Contract amount. The variation claim of €2,711.33 is recommended for payment in that it was necessary for the wholesomeness of the works and its price is fair and reasonable*" (fol. 4). Il-perit Joseph Bugeja huwa l-perit li l-Kunsill konvenut kien inkariga fuq din il-kwistjoni.

In kontro-ezami, x-xhud stqarr li t-*tender document* kien jispecifika li x-xoghol li kellu jsir kien ghal hames mitt metru kwadru ta' *water proofing*. Mistoqsi jekk huwa meta mar fuq il-post de quo kienx induna bid-diskrepanza fil-kejl ta' l-*area* li kellu jsir il-*membrane* fuqha x-xhud wiegeb fin-negattiv.

ii. **Il-perit Joseph Bugeja**, xehed fis-seduta mizmuma fil-25 ta' Jannar, 2011. Huwa qal li kien gie nkarigat mill-kunsill konvenut sabiex jissorvelja dan il-kuntratt partikolari. Meta gie muri c-certifikat rilaxxat minnu fid-29 ta' Mejju, 2008 u li gie esebit a fol. 3 u 4 tal-process, huwa qal illi "*jiena ccertifikajt illi x-xoghol sar u anke ccertifikajt illi l-kuntrattur waqt li kien qed jezegwixxi x-xoghol sab hsarat illi kienu jmorru oltre dawk il-hsarat li kien gie inkarigat sabiex isewwi*" (fol. 49 u 50).

Il-perit Bugeja stqarr li l-valur tal-kuntratt originali kien ghal €3,335 u l-varjanti ghal-imsemmi kuntratt kien ta' €2,711 oltre l-valur ta' l-imsemmi kuntratt. Il-perit jikkonferma ukoll li l-kuntrattur meta nduna li kien hemm bzonn li jsiru aktar xogholijiet ha l-inizzjativa u qabad u ghamel dan ix-xoghol minn rajh. Ix-xhud ighid li "*Jiena ghalija dan kien sar in buona fede minnhu*" u "*Jiena kkonkludejt illi x-xoghol extra li kellu jsir kien proprju necessarju u ma setax ma jsirx u dana ghaliex prima facie meta tara certu affarijiet ma tkunx tista tevalwhom bhal per ezempju l-membrane*" (fol. 50). Izid ighid illi "*... meta l-kuntrattur spjegali ezattament x'kien sar jiena dehrli li kien mexa skond is-sengha u l-arti u ghamel dak necessarju*" (fol. 50).

Ghar-rigward ta’ l-ammont ta’ €2,711.33, l-imsemmi perit ighid li huwa, flimkien mal-perit kollega tieghu, “*... iddecidejna illi l-kejl jinhaddem pro rata mar-rata li kienet intuzat ghal kuntratt originali u dana peress illi kien jezisti a measured contract*” (fol. 50).

Fis-seduta tal-5 ta’ Mejju, 2011 il-perit Bugeja, in kontro-ezami, meta gie mistoqsi jekk huwa kienx awtorizza l-esekuzzjoni tax-xogholijiet oltre dawk imsemmija fit-tender u cioe l-*extra works* qal illi huwa kien gie mqabbad bhala perit mill-kunsill konvenut u mhux *contracts manager*. Zied ighid ukoll illi “*bhala perit stajt nara b’ghajnejja li x-xoghol kien jirrikjedi xogholijiet ulterjuri izda formalment kien hemm bzonn l-awtorizzazzjoni tal-klijent ghal dawn ix-xogholijiet extra qabel ma seta jkompli bix-xogholijiet il-kuntrattur*” (fol. 60). Il-perit qal li huwa ma jaqbilx ma’ l-attur meta qal li hu kien awtorizzah sabiex jaghmel aktar xogholijiet milli kien hemm imsemmija fit-*tender*. Ighid ukoll li ghalkemm huwa ma ta’ l-ebda awtorizzazzjoni, lanqas ma qallu biex jieqaf “*ghaliex ma stajtx nghidlu jieqaf u dana fis-sens illi x-xogholijiet extra kien hemm bzonn illi jsiru*” (fol. 60). Finalment ighid li kien il-perit Kurt Vella, li jahdem fl-ufficju mieghu, li kien ikun *on site*.

iii. **Oreste Cassar, rapprezentant tad-Direttur tal-Kuntratti** xehed fis-seduta tal-25 ta’ Jannar, 2011. Huwa gie mitlub jixhed dwar il-procedura li kellha tintuza mill-Kunsill konvenut meta l-pagament ikun aktar minn dak miftiehem fuq it-*tender*. Huwa spjega ukoll li t-*tender* in kwistjoni ma harigx mid-Dipartiment tal-Kuntratti izda mid-Dipartiment li tahtu jaqa l-Kunsill konvenut. Huwa jghid li meta jkun hemm xogholijiet zejda, trid issir talba u din it-talba trid issir mill-*Permanent Secretary*. Tkun trid tingieb ukoll l-awtorizzazzjoni kemm finanzjarja u kemm teknika ghal dawn ix-xogholijiet zejda. Ix-xogholijiet ma jkunux jistghu jitkomplew qabel ma tingieb din l-awtorizazzjoni. Ix-xhud ighid “*ovvjament jekk din il-procedura li ghadni kif semmejt ma tigi segwita ma jkunx jista jsir il-pagament in kwistjoni*” (fol. 61). Huwa jkompli jghid li kien jinkombi fuq il-kunsill konvenut li jaghmel din it-talba “... *jekk kien jinduna illi kien hemm bzonn isiru dawn ix-xogholijiet zejda...* ” (fol. 61-62). Fis-seduta mizmuma nhar is-16 ta’

Marzu, 2012, l-istess xhud in kontro-ezami jghid li "*l-fatt illi dan kien tender fixed amount ma jfissirx illi l-ammont ma jkunx jista jitbiddel f'cirkostanzi specjali dan ghaliex ikun hemm certu affarijiet li ma jkunux forseeable* " (fol. 77).

iv. **Il-perit Kurt Vella**, xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Ighid li fi zmien meta hareg it-*tender* in kwistjoni huwa kien jahdem bhala perit ma Joe Bugeja & Associates. Ir-responsabbilta tieghu fuq dan il-progett kien ta' perit fis-sens li jara l-*compliance* teknika tax-xogholijiet li kellhom isiru mill-kuntrattur. Dawn ix-xogholijiet kienu jikkonsistu "*fit-tiswija ta' gonot fit-tapit tal-bituminous membrane, u l-ghotja ta' liquid membrane*". Ix-xogholijiet in kwistjoni damu xi hmistax biex tlestew. Il-perit Vella jghid ukoll li "*kienet saret laqgha fuq il-post ma' Turn Pro sabiex jigi stabbilit ix-xoghol, fejn kien spjegat li kellu jsir ix-xoghol ta' tiswija fuq il-membrane ezistenti, imbaghad kellu jinghata s-saff ta' liquid membrane*". Din il-laqgha saret qabel bdew ix-xogholijiet. Imbaghad fl-ahhar ta' Mejju kienet saret laqgha ohra fuq il-post sabiex isir il-kejl. Kien proprju meta sar dan il-kejl fl-ahhar li harget il-problema riskontrata u cioe li sar xoghol izjed minn dak stipulat fit-*tender*. Ighid ukoll li "*waqt ix-xogholijiet qatt ma gejt infurmat bix-xoghol fl-eccess ta' l-arja specifikata*" u "*Niddikjara li min naha tieghi qatt ma tajt awtorizzazzjoni sabiex isir xoghol fl-eccess ta' dak stipulat, dan ukoll minhabba li l-posizzjoni ta' perit hi wahda teknika*" (fol. 65). Ix-xhud jikkonferma li meta sar il-kejl "*irrizulta li kien hemm iktar metragg minn dak indikat fl-ordni, pero qatt ma nghatat awtorizzazzjoni ghal xoghol fl-eccess, u lanqas qatt ma saret talba*" (fol. 65). Ghar-rigward tal-htiega o meno ta' dawn ix-xogholijiet zejda, l-istess perit ighid li "*Id-diskussjonijiet kienu wasslu biex hareg rapport fis-sajf ta' l-2008 fejn gie nnotat li ghalkemm inqabez l-ammont ta' l-ordni, ix-xoghol li sar ippremetta li l-iskop tal-waterproofing kien komplet la darba il-partijiet li kellhom jissewwew kienu iktar estizi minn dak previst*" (fol. 65). Dan l-ahhar punt reggha gie kkonfermat mill-imsemmi perit fil-kontro-ezami tieghu mizmum fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2012. Mistoqsi minn kien kejjel il-metragg, il-perit Vella stqarr li "*il-kejl tal-hames mitt metru kwadru kont kejjilt jiena personalment*" (fol. 75). Ix-xoghol moghti kien

jikkonsisti f'ippaccjar ta' gonot *loose* tal-*membrane* u dan kellu jsir permezz ta' *liquid membrane*. Ix-xhud zied ighid li mhux is-saqaf kollu kellu jittranga pero hafna minnu kien hazin u "*meta qed nghid illi kellu jittrangaw il-gonot qed nirreferi ghal fejn ikun hemm l-overlapping bejn strixxa u ohra dan fis-sens illi kull strixxa tkun wiesa one point two metres u mbaghad l-istrixxa l-ohra ovvjament tkun one point two metres pero meta mbaghad jitrikkbu fuq xulxin kien qed ikun hemm il-loose hemmhekk*" (fol. 75).

v. Xehed ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit **Joseph Cassar**, Chief Executive Officer, fil-Kunsill Malti ghall-iSport. Huwa kkonferma li l-Kunsill Malti ghall-iSport huwa l-kunsill responsabbli mill-amministrazzjoni u l-manteniment tal-pixxina nazzjonali f'tal-Qroqq. Izid ighid li l-Kunsill huwa regolat bil-proceduri tal-Gvern fosthom il-*financial procurement regulations*. Di fatti, meta hareg it-*tender* kien hemm fis-sehh l-avviz legali numru 177/2005 imsejjah Att dwar l-Amministrazzjoni u l-Verifika. Ix-xhud ighid li t-tmexxija tal-pixxina kienet infurmat lill-Kunsill minnu rapprezentat li kien mehtieg xi xoghol ta' *waterproofing* fuq xi bjut tal-pixxina. Kien ghalhekk li harget is-sejha ghall-offerti ghal xoghol ta' appalt konsistenti "*f'membrane repair works and liquid membrane*". Jkompli jghid li "*klawsola numru 14 (dok KMS 2) kienet tistipola bl-aktar mod car li kien jehtieg u kien qieghed tissejjah offerta ghal hames mitt metri kwadri*" (fol. 68). Is-socjeta Turnpro Waterproofing and Turnkey Contractors kienet ghamlet l-iktar offerta vantagguza ammontanti ghall-€3,385.95 u fil-fatt, il-kunsill konvenut gharaf lill-istess socjeta li hija kienet rebhet dan l-istess *tender* u dan b'ittra ta' accettazzjoni datata 24 ta' Marzu, 2008. Il-perit inkarigat biex jissorvelja dawn ix-xogholijiet kien il-perit Joseph Bugeja. Wara li tlestew ix-xogholijiet, Turnpro Waterproofing and Turnkey Contractors kienet baghtet *invoice* fl-ammont ta' €6,097.28. Dan "*jigifieri €2,711.33 iktar minn dak pecifikat fis-sejha ghall-offerti u accettat mill-istess Turnpro Waterproofing and Turnkey Contractors fl-offerta taghhom*" (fol. 68). Il-kunsill, ighid l-imsemmi xhud, talab spjegazzjoni ghal din il-varjazzjoni u mill-imsemmija *invoice* rrizulta li "*din il-varjazzjoni kienet ir-rizultat tat-tqeghid ta' liquid membrane ta' 1200 metri*

*kwadri minflok 500 metri kwadri*” (fol. 68). Skond ix-xhud, il-proceduri finanzjarji jipprojbixxu l-hlas ta’ *cost over runs* minghajr il-permess bil-quddiem tad-Dipartiment tal-Kuntratti liema permess, sad-data ta’ l-affidavit, qatt ma nghata. L-istess xhud ighid ukoll li galadarba l-procedura ghall-varjazzjoni ma gietx segwita l-hlas ma setax isir l-ghaliex il-kunsill konvenut kien projbit milli jhallas skond ir-regoli finanzjarji. Finalment ighid li “*il-KMS naturalment hallas il-valur tax-xoghol li kien jkopri l-ammont appaltat*” (fol. 69).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Permezz ta’ din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta’ elfejn seba’ mija u hdax il-euro u tlieta u tletin centezmi ta’ euro (€2,711.33) minghand il-kunsill konvenut ghal xogholijiet li saru minnhom fuq is-saqaf tal-pixxina nazzjonali. Il-kunsill konvenut da parti tieghu qieghed jilqa ghal din it-talba billi jghid li l-ebda ammont ma huwa dovut l-ghaliex l-appalt li nghata minnhu kien ghal somma specifikata u likwidata. Is-somma reklamata mill-atturi hija ghal xoghol izjed li sar u li ma kienx mitlub mill-kunsill konvenut.

7. L-atturi jsostnu li dan ix-xoghol zejjed kien mehtieg l-ghaliex inkella ma x-xogholijiet maghmula minnhom ma kienux iservu l-iskop li ghalih kien inghata t-*tender* originarjament. In sostenn ta’ dan, l-atturi resqu bhala xhieda liz-zewg periti nkarigati mill-kunsill konvenut. F’dan ir-rigward, il-perit Joseph Bugeja fix-xhieda tieghu qal li x-xogholijiet zejda saru mill-atturi *in buona fede* u li “*Jiena kkonkludejt illi x-xoghol extra li kellu jsir kien proprju necessarju u ma setax ma jsirx u dana ghaliex prima facie meta tara certu affarijiet ma tkunx tista tevalwhom bhal per ezempju l-membrane*” (fol. 50). Izid ighid illi “*... meta l-kuntrattur spjegali ezattament x’kien sar jiena dehrli li kien mexa skond is-sengha u l-arti u ghamel dak necessarju*” (fol. 50). Tal-istess fehma huwa ukoll l-perit Kurt Vella li zied ighid li “*Id-diskussjonijiet kienu wasslu biex hareg rapport fis-sajf ta’ l-2008 fejn gie nnotat li ghalkemm inqabez l-ammont ta’ l-ordni, ix-xoghol li sar ippremetta* [recte: ippermetta] *li l-iskop tal-waterproofing kien komplet*

*la darba il-partijiet li kellhom jissewwew kienu iktar estizi minn dak previst*" (fol. 65).

8. Jigifieri minn hawn, ghandu jirrizulta li x-xogholijiet zejda saru ghax kienu necessarji u mhux saru meta ma kellhomx ghalfejn isiru. Il-kunsill konvenut kien sejjer, fl-ahhar tal-gurnata, jibbenefika minn dak li sar. Fil-fatt, irrizulta li dawn ix-xogholijiet zejda kellhom isiru l-ghaliex inkella l-iskop originali li ghalih kien ihareg it-*tender* ma kienx jintlahaq.

9. L-atturi sostnew ukoll li huma kienu gew awtorizzati mill-periti tal-kunsill konvenut sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet zejda. F'dan ir-rigward, l-attur Damian Restall ighid "*il-perit qalilna pero illi x-xoghol xorta wahda kollu kellu jsir u li kellna nkomplu ghaddejjin*". Din l-awtorizzazzjoni lill-atturi biex ikomplu bix-xogholijiet da parti tal-periti tal-kunsill konvenut giet michuda mill-istess periti. Il-perit Bugeja pero jghid li ghalkemm huwa ma ta' l-ebda awtorizzazzjoni sabiex jitkomplew ix-xogholijiet, lanqas ma qallhom biex jieqfu "*ghaliex ma stajtx nghidlu jieqaf u dana fis-sens illi x-xogholijiet extra kien hemm bzonn illi jsiru*" (fol. 60).

10. Oreste Cassar, direttur tas-Sigurta tal-Informazzjoni u Amministrazzjoni fi hdan id-Dipartiment tal-Kuntratti xehed li dan it-*tender* ma harigx taht id-Dipartiment minnu rapprezentat izda hareg taht l-awtorita tal-Ministeru li tahtu jaqa l-kunsill konvenut u ghalhekk l-awtorizzazzjoni biex isiru x-xogholijiet zejda u konsegwentement il-hlas ghal dan ix-xoghol zejjed tkun trid tinghata mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru koncernat. L-istess xhud ighid ukoll li li "*l-fatt illi dan kien tender fixed amount ma jfissirx illi l-ammont ma jkunx jista jitbiddel f'cirkostanzi specjali dan ghaliex ikun hemm certu affarijiet li ma jkunux forseeable* " (fol. 77).

11. Mehuda x-xhieda li inghatat u l-provi li tresqu, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-atturi qatt ma talbu l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex isiru x-xogholijiet *extra* u li kieku huma talbu din l-awtorizzazzjoni huma ma kienux jaslu sa hawn. Pero, dawn ix-xogholijiet *extra* kienu mehtiega l-ghaliex inkella l-iskop li ghalih kien inghata t-*tender* ma kienx jintlahaq. Dan ovvjament kien jpoggi lill-atturi f'sitwazzjoni fejn setghu jesponu ruhhom ghad-danni l-ghaliex ma jkunux ghamlu x-xoghol kif suppost. Il-periti tal-kunsill konvenut ighidu li x-xogholijiet saru skond is-sengha u l-arti. Fil-fatt ma hemm l-ebda ilment f'dan ir-rigward mill-kunsill konvenut. L-uniku ilment, kif diga inghad, huwa li saru xogholijiet izjed milli kienu miftehma u li l-istess kunsill ma kellhux ghalfejn ihallas ghal dawn ix-xogholijiet *extra* l-ghaliex ma kienux imsemmija fl-ittra ta' accettazzjoni tieghu datata 24 ta' Marzu, 2008 (Dok. KMS 1 a fol. 15) oltre li l-prezz kien gie iffissat.

12. Dan it-Tribunal, kif inhu risaput, "*ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita*" (art. 7 tal-Kap. 380). Dak li hu ekwu necessarjament huwa gust u l-ekwita hi proprju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. Ma rrizultax lit-Tribunal li f'dan il-kaz ix-xogholijiet saru ghalxejn. Anzi proprju bil-maqlub. Saru l-ghaliex kienu necessarji u sabiex jintlahaq l-iskop li ghalih kien hareg it-*tender* originarjament.

13. Ghar-rigward tal-prezz mitlub fl-avviz, it-Tribunal sejjer jistrieh fuq dak li qal il-perit Bugeja, li kien nominat mill-kunsill konvenut sabiex jissorvelja x-xogholijiet li kellhom jaghmlu l-atturi fuq is-saqaf tal-pixxina nazzjonali, meta jghid fix-xhieda tieghu "*... iddecidejna illi l-kejl jinhaddem pro rata mar-rata li kienet intuzat ghal kuntratt originali u dana peress illi kien jezisti a measured contract*" (fol. 50).

14. Fil-fehma tat-tribunal, bix-xogholijiet *extra* maghmula mill-atturi bbenefika l-kunsill konvenut. Ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u li kieku ma kienux isiru dawn ix-xogholijiet, l-iskop li ghalih inghata t-*tender* ma kienx jintlahaq.

15. Illi f'dan is-sens, u mehud dak kollu li ghadu kif inghad hawn fuq, l-eccezzjonijiet tal-kunsill konvenut ma ghandhomx isibu sostenn minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-kunsill konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-istess kunsill konvenut jhallashom is-somma ta' elfejn seba' mija u hdax-il euro u tlieta u tletin centezmi ta' euro (€2,711.33) bl-imghaxijiet fuq din is-somma jibdew jiddekorru mid-29 ta' Mejju, 2008.

L-ispejjez, in vista tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------